

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1050/2008

ta' l-24 ta' Ottubru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 fir-rigward tal-livell li fih jiskattaw id-dazji addizzjonali fuq il-ħjar, il-qaqoċċ, il-klementin, il-mandolin u l-larinġ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [(Ir-Regolament dwar l-OKS Unika)] <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 4,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex <sup>(2)</sup> jipprovdi għal sorveljanza ta' l-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għalih. Dik is-sorveljanza għandha titwettaq skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(3)</sup>.
- (2) Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura <sup>(4)</sup> konkluż matul is-Serje ta' l-Urugwaj ta' negoz-

jati multilaterali dwar il-kummerċ u fid-dawl ta' l-aħħar dejta disponibbli għall-2005, l-2006 u l-2007, il-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali tal-ħjar, tal-qaqoċċ, tal-klementin, tal-mandolin u tal-larinġ għandhom jiġu aġġustati.

- (3) B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat skond dan.
- (4) Il-miżuri li provduti b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

## ANNEX

## "ANNEX XVII

## DAZZI TA' IMPORTAZZJONI ADDIZZJONALI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-nomenklatura mħallta, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li tkun indikattiva biss. L-ambitu tad-dazji addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Anness huwa ddeterminat mill-iskop tal-kodiċi NM kif jeżistu fiż-żmien tal-addozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Nru tas-Serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu ta' l-iskattar	Livell ta' l-iskattar (tunnellati)
78.0015	0702 00 00	Tadam	— l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	594 495
78.0020			— l-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	108 775
78.0065	0707 00 05	Ħjar	— l-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	8 632
78.0075			— l-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	15 259
78.0085	0709 90 80	Qaqoċċ	— l-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	16 421
78.0100	0709 90 70	Żukkini	— l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	117 360
78.0110	0805 10 20	Larinġ	— l-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	700 277
78.0120	0805 20 10	Klementin	— l-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	385 569
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolin (inklużi t-tangerines u s-satsumas); wilkings u ibridi taċ-ċitru simili	— l-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	95 620
78.0155	0805 50 10	Lumi	— l-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	335 545
78.0160			— l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	64 453
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	— il-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru	89 754
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	— l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	875 884
78.0180			— l-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	106 430
78.0220	0808 20 50	Lanġas	— l-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	257 029
78.0235			— l-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	37 083
78.0250	0809 10 00	Berquq	— l-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	4 199
78.0265	0809 20 95	Ċiras, ħlief għaċ-ċiras qares	— il-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu	151 059
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk	— il-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	39 144
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	— il-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	7 658"